# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.

**Rikors Numru: 5/16 RM**

**Fire and Security Engineering (P530)**

**Vs**

**Topcar Services Limited (C36082)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' rikorrenti fil-11 ta' Jannar, 2016 fejn l-istess talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha l-ammont komplessiv ta' tlett elef, tmien mija u tnax-il Ewro u hams w hamsin centezmu (€3812.55) rapprezentanti l-ammont dovut minnha ghal servizzi u prodotti pprovduti mis-socjeta' rikorrenti fuq inkarigu u skond l-istruzzjonijiet taghha u dan kif dettaljat fir-rendikont hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. FSE1' kif ukoll fil-fatturi kostituttivi hawn annessi u mmarkati bhala 'Dok. FSE2', - 'Dok. FSE14' u fil-Customer Services Sheets' relattivi.

Illi, minkejja li interpellata kemm-il darba ghall-pagament effettiv tal-ammont globali hawn reklamat, fosthom permezz ta' Ittra Ufficjali bin-numru 656/15, intavolata fl-ismijiet fuq premessi a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba giet opposta mis-socjeta' intimata permezz ta' Nota pprezentata fl-atti tal-istess Ittra Ufficjali fl-ewwel (1) ta' Gunju, tas-sena elfejn u hmistax (1.6.2015), l-istess socjeta' intimata baqghet inadempjenti bil-konsegwenza illi kellhom jigu ntavolati dwan il-proceduri.

Bl-ispejjez, fosthom dawk tal-Ittra Ufficjali bin-numru 656/15 intavolata a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta l-ammonti kostituttivi hawn reklamati saru dovuti sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont globali hawn reklamat fl-intier tieghu, kontra s-socjeta intimata, u bl-ingunzjoni ta' rapprezentant debitment awtorizzat tal-istess socjeta' intimata, li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata Topcar Services Limited (C36082) pprezentata nhar it-8 ta' Marzu, 2016 fejn esponiet is-segwenti:

1. *"Illi x-xoghol li ghalih qieghed jintalab il-hlas permezz ta' din il-kawza ma sarx skont is-sengha u l-arti, u l-prodott/sistema supplita ma humiex sodisfacenti u mhux tal-kwalita' pattwita. Dan ma kienx l-ewwel inkarigu li s-socjeta' intimata tat lis-socjeta' rikorrenti u fl-okkazjonijiet kollha precedenti l-hlas dovut gie effettwat fl-intier tieghu stante li l-prodott u x-xoghol kien sodisfacenti.*
2. *Illi s-socjeta' Fire and Security Engineering irrikonoxxiet in-nuqqasijiet fil-prodott/sistema u fis-servizzi rezi u f'diversi okkazjonijiet hija stess ippruvat*

*tirrettifika dawn in-nuqqasijiet, imma sal-lum, tali nuqqasijiet ghadhom hemm u s-socjeta' esponenti ma tistax tuza l-prodott/sistema ghall-iskop li xtratu.*

3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' Fire and Security Engineering permezz tal-avviz odjern qed titlob ukoll hlasijiet ghal drabi kollha li hija ttentat tirranga l-prodott/sistema supplita minnha, liema hlas huwa addirittura esagerat.*

4. *Illi apparti minn hekk sal-lum il-gurnata ghadu lanqas gie installat il-prodott/sistema fit-totalita' tieghu da parti tas-socjeta' Fire and Security Engineering.*

5. *Illi ghalhekk kull ammont pretiz mis-socjeta' Fire and Security Engineering huwa infondat fil-fatt u fid-dritt.*

6. *Illi strettament minghajr pregudizzju, l-ispejjez tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' rikorrenti billi s-socjeta' esponenti minn dejjem kienet disposta li thallas ghas-servizzi rezi mill-istess socjeta' rikorrenti wara li din ta' l-ahhar tirrettifika n-nuqqasijiet li hemm fil-prodott/sistema supplit minnha liema nuqqasijiet gja gew identifikati mis-socjeta' rikorrenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez."*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef, b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu minn din il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-provi kollha l-ohra prodotti mill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjeta` attrici pprezentata fil-21 ta' Jannar 2019;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur tas-socjeta` konvenuta waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2019;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Is-socjeta` attrici f'din il-kawza qieghda titlob il-hlas tas-somma ta' €3,812.55, rapprezentanti diversi fatturi dovuti ghal servizzi rezi u prodotti suppliti lis-socjeta` konvenuta in konnessjoni mas-sistema ta' CCTV cameras istallata minnha fl-istabbilment tas-socjeta` konvenuta li tiggestixxi *service station* gewwa l-precinti tal-ajruport.

**Provi**

Biex ghamlet il-konsiderazzjonijiet u waslet ghall-konkluzjonijiet taghha, il-Qorti hadet konjizzjoni, *inter alia* tas-segwenti xhieda:-

- Xhieda ta' Sergio Camilleri[1];

[1] Fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2016.

- Affidavits ta' Stephen Micallef[2] u ta' Cynthia Micallef[3];
- Affidavits ta' Elaine Pizzuto[4], Darren Scicluna[5] u ta' Sergio Camilleri[6];
- Kontro-ezami ta' Elaine Pizzuto[7];
- Kontro-ezami ta' Darren Scicluna u ta' Sergio Camilleri[8];
- Kontro-ezami ta' Stephen Micallef u ta' Cynthia Micallef[9].

**Verzjoni Attrici**

Is-socjeta` attrici ssostni illi l-fatturi li baqghu ma thallsux mis-socjeta` konvenuta huma dawk mahrugin wara t-13 ta' Frar 2013 liema fatturi huma dovuti in konnessjoni ma' *upgrade* li sar fis-sistema ezistenti ta' CCTV cameras fl-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta, kif ukoll kwantu ghal diversi *call-outs* li saru fuq talba tal-klijent.

Stephen Micallef, li huwa l-managing partner tas-socjeta` attrici, kif ukoll martu Cynthia Micallef, fissru fix-xhieda taghhom illi l-*call outs* li l-hlas taghhom qed

[2] Fol. 41 *et seq.*

[3] Fol. 48 *et seq*.

[4] Fol. 55 *et seq*.

[5] Fol. 54.

[6] Fol. 58 *et seq*.

[7] Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2017.

[8] Fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2018.

[9] Fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2018.

jintalab f'din il-kawza, ma sarux in konnessjoni ma' tiswijiet li saru fis-sistema wara li sar l-*upgrade* tas-sistema tal-cameras fl-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta, u dan ghaliex dawn is-servizzi ta' tiswijiet kienu koperti minn garanzija. Fir-rigward saret referenza ghad-dokument esebit mill-imsemmi Stephen Micallef bhala Dok. FSE15[10]. Dawn ix-xhieda izda, jikkontendu li l-hlas reklamat huwa dovut ghall-prodotti mibjughin biex isir *upgrade* fis-sistema ta' CCTV fl-istabbiliment kif ukoll ghal servizzi rezi in konnessjoni mas-sistema originali li wkoll kienet giet istallata mill-istess socjeta` attrici fl-istabbiliment in kwisjtoni.

Is-socjeta` attrici ssostni ulterjorment illi mill-*job cards* esebiti mal-fatturi in kwistjoni, ma jirrizulta mkien illi kienu saru lmenti da parti tas-socjeta` konvenuta fosthom dwar it-telf tal-filmati u t-thassir taghhom minn fuq il-*hard disks*, jew dwar problemi ohrajn fis-sistema tax-xorta li qed jigi allegat mis-socjeta` konvenuta.

**<u>Verzjoni Konvenuta</u>**

In succint, il-kontestazzjoni tas-socjeta` konvenuta ghat-talba tal-attrici ghall-hlas tas-servizzi minnha reklamati, tippernja fuq l-allegazzjoni illi l-istallazzjoni tas-sistema ta' CCTV cameras fl-istabbiliment taghha kienet difettuza, u illi l-prodott lilha mibjugh mhuwiex tal-kwalita` pattwita ghaliex mhuwiex sodifacjenti.

Is-socjeta` konvenuta ssostni[11] illi kienet inkarigat lis-socjeta` attrici tistalla sistema gdida ta' CCTV cameras fl-istabbiliment ghall-habta ta' Frar 2013 izda wara ftit gimghat biss, is-sistema bdiet timmanifesta diversi problemi u ma bdietx tiffunzjona tajjeb minhabba istallazzjoni hazina li saret, oltre li l-prodott evidentement ma kienx

[10] Fol. 43

[11] Vide xhieda Sergio Camilleri tas-17 ta' Mejju 2016.

idoneu ghall-bzonnijiet taghha. Is-socjeta` konvenuta fissret illi qatt ma rriskontrat problemi fis-sistema originali ta' CCTV cameras gia` istallata mill-istess socjeta` attrici, u dejjem hallset kull fattura mahruga mis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-sistema originali. Skont l-istess socjeta` konvenuta, il-problemi nibtu meta giet istallata l-upgrade fis-sistema ta' CCTV li kien hemm fl-istabbiliment taghha.

Tikkontendi ulterjorment illi filwaqt li s-socjeta` attrici qieghda titlob ukoll hlas ta' *service charge* ghal kull darba li kienet tibghat impjegat minn taghha sabiex jirranga d-difetti fis-sistema l-gdida ta' CCTV, u dan minkejja illi huwa evidenti illi l-*call outs* saru u kienu mehtiega sabiex jissewwa x-xoghol hazin li kien sar da parti tal-istess socjeta` attrici. Sergio Agius, direttur tas-socjeta` konvenuta, ikkonferma illi dawn il-*call outs* huwa dejjem iffirma ghalihom biex jafferma l-hin li jkun ghamel l-addett tal-attrici fl-istabbiliment tieghu, izda qatt ma stenna li jkollu jhallas ghas-servizz ta' tiswija ta' zbalji li evidentement saru da parti tas-socjeta` attrici stess.

Is-socjeta` konvenuta fissret illi dan ix-xoghol hazin jikkonsisti fost ohrajn, f'wiring difettuz tal-cameras, fit-telf ta' filmati inkluz filmati recenti, u fin-nuqqas tad-dehra tan-number plates tal-vetturi li jidhlu bil-lejl fl-istabbiliment taghha. Ix-xiehda mressqin mis-socjeta` konvenuta kkonfermaw ukoll illi l-problemi fis-sistema l-gdida istallata mis-socjeta` attrici baqghu jippersistu tant illi finalment kellhom jigu ingaggati terzi persuni (PD Security) biex jigu rrangati d-difetti u jigu istallati cameras godda.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta illi hemm qbil bejn il-partijiet illi s-socjeta` attrici kienet istallat hija stess is-sistema originali ta' CCTV cameras fl-istabbilment tas-socjeta` konvenuta u li ma

kienx hemm problemi b'dik is-sistema, tant illi l-invoices relattivi dejjem thallsu mis-socjeta` konvenuta.

Skont is-socjeta` konvenuta, il-problemi fis-sistema l-gdida li giet istallata, bdew jigu riskontrati ghall-habta ta' Frar 2013 u effettivament, il-fatturi kontestati mis-socjeta` konvenuta u li l-hlas taghhom qed jintalab f'din il-kawza, huma dawk li jirreferu ghal *call outs* li saru bejn Frar 2013 u Awwissu 2014.

Il-verzjoni tas-socjeta` konvenuta hija illi l-*upgrade* fis-sistema originali ta' CCTV cameras fl-istabbiliment taghhom, fejn gew mizjuda xi cameras godda oltre ghal dawk diga` ezistenti, sar fi Frar 2013 u hekk kif gew istallati dawn l-*upgrade*s, beda jkun hemm diffikoltajiet fil-funzjoni tas-sistema u konsegwentement, diversi *call-outs* biex jigu msewwija dawn il-problemi.

Dan huwa michud mis-socjeta` attrici illi tikkontendi illi l-istallazzjonijiet godda fis-sistema tal-cameras fl-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta saru f'Awwissu 2013 u ghaldaqstant il-fatturi mhux imhallsin jirreferu wkoll ghal servizzi u prodotti suppliti anke qabel sar l-*upgrade* tas-sistema. Skont is-socjeta` attrici, dan juri illi m'hijiex verosimili l-kontenzjoni tas-socjeta` konvenuta illi l-hlas ma sarx minhabba difetti fis-sistema l-gdida.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tqis illi ghad-determinazzjoni tas-siwi o meno tal-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta dwar l-allegat nuqqas fil-kwalita` tal-prodotti suppliti u xoghol mhux skont is-sengha l-arti, huwa mehtieg qabel xejn illi jigi stabbilit jekk l-*upgrade*

fis-sistema tal-cameras fl-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta sarx fi Frar 2013, meta s-socjeta` konvenuta effettivament waqfet il-hlasijiet, jew f'Awwissu 2013 kif tikkontendi s-socjeta` attrici.

Dan ghaliex, kif rajna, it-tezi tas-socjeta` attrici hija fis-sens illi x-xoghol fuq l-*upgrade* sar fl-14 ta' Awwissu 2013 u illi l-fatturi kollha ta' qabel huma ghal xoghol li sar fuq is-sistema l-antika. Da parti taghha, is-socjeta` konvenuta, filwaqt li tghid li qatt ma kellha ebda lmenti dwar ix-xoghol u prodotti suppliti mis-socjeta` attrici fil-passat, issostni li l-fatturi kontestati lkoll jirreferu ghall-prodotti suppliti u servizzi rezi in konnessjoni mas-sistema l-gdida li giet istallata ghall-habta ta' Frar 2013, liema istallazzjoni ma saritx *inter alia* skont is-sengha u l-arti. Jekk allura, jigi determinat illi l-*upgrade* sar f'Awwissu 2013, dan ikun ifisser illi l-hlas tal-fatturi reklamati ghal xoghol li sar bejn Frar u Awwissu 2013 huwa dovut mis-socjeta` konvenuta li, *ex admissis,* ma ghandha l-ebda lment jew kontestazzjoni dwar l-istallazzjoni u servizzi li gew rezi in konnessjoni mas-sistema originali.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti wara li rat l-atti, tqis illi l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta fir-rigward ghandha mis-sewwa. Mill-i*statement of account* Dok. FSE1[12], huwa evidenti illi z-zewg depoziti li thallsu in konnessjoni mal-fatturi I27376 u I27377, liema fatturi skont is-socjeta` attrici jirreferu ghall-*upgrade*s li saru fis-sistema ta' CCTV tas-socjeta` konvenuta, thallsu fit-13 ta' Frar 2013 u fit-22 ta' Marzu 2013 cioe` biss gurnata wara li nhargu z-zewg *quotations* esebiti minn Sergio Camilleri bhala Dok. SC1[13] u Dok.

---

[12] Fol. 2.

[13] Fol. 71

SC2[14], liema *quotations* huma datati 12 ta' Frar 2013 u 21 ta' Marzu 2013 rispettivament. Il-Qorti tqis li ftit jista' jkun hemm dubju illi l-pagament taz-zewg depoziti sar proprju in konnessjoni ma' dawn iz-zewg *quotations* li evidentement saru ghall-akkwist ta' cameras godda u apparat iehor mehtieg biex isir l-*upgrade* fis-sistema in kwistjoni. Il-korollarju ta' dan huwa, fil-fehma tal-Qorti, illi ma jistax ikun eskluz illi l-*call-outs* li saru fi Frar 2013 u x-xhur ta' wara, jirrigwardaw proprju l-istallazzjoni tal-cameras godda u x-xoghol ta' *upgrade* li sar fuq is-sistema ezistenti, kif del resto ssostni s-socjeta` konvenuta.

B'referenza ghall-fatturi I27376 u I27377 (Dok. FSE6 u FSE7) datati 14 ta' Awwissu 2014, huwa evidenti illi ghalkemm jidher illi l-*upgrade* tas-sistema giet fatturata fl-14 ta' Awwissu 2013, ix-xoghol ta' istallazzjoni u z-zieda ta' cameras godda sar ferm qabel Awwissu 2013. Per ezempju, il-fattura I27376 tinkludi *call-out* tal-25 ta' Frar 2013 ["*wiring of all cameras and install cameras*"] u *call-out* iehor tas-26 ta' Frar 2013 ["*Connecting cameras*"][15], filwaqt illi l-fattura I27377 tinkludi *call-out* tat-22 ta' Marzu 2013[16] fejn gie istallat l-apparat indikat fil-quotation mahrug fil-21 ta' Marzu 2013 ["*Install DVR and setting up*"], fost ohrajn. Ghall-Qorti dan ma jistax hlief ifisser illi l-istallazzjoni tal-cameras godda u x-xoghol fuq l-*upgrade* fis-sistema saru <u>qabel</u> Awwissu 2013. F'dan is-sens hija wkoll il-verzjoni ta' Sergio Camilleri li in kontro-ezami xehed hekk:-

*"Fil-fatt, is-sistema li kienet giet istallata mis-socjeta` attrici, diga` bdiet turi certu problemi qabel ma effettivament kienu baghtu l-kont taghhom."*

---

[14] Fol. 62.

[15] Fol 8 u fol 8 tergo.

[16] Fol. 13.

Jigi osservat ulterjorment illi Elaine Pizzuto fl-Affidavit taghha, ukoll ikkonfermat illi l-*upgrade* tas-sistema saret fi Frar 2013.

**<u>L-Ewwel Tliet Eccezzjonijiet tas-Socjeta` Konvenuta</u>**

Permezz tal-ewwel tliet eccezzjonijiet sollevati minnha, is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi l-hlas pretiz mis-socjeta` attrici m'huwiex dovut ghaliex ix-xoghol li tieghu qed jintalab il-hlas ma sarx skont is-sengha u l-arti u l-prodott supplit mhwiex tal-kwalita` pattwita.  Teccepixxi wkoll illi parti mill-hlas li qed jigi pretiz mis-socjeta` attrici mhuwiex dovut proprju ghaliex qed jigi reklamat ghal xoghol rimedjali li twettaq proprju sabiex jigu rimedjati n-nuqqasijiet fil-prodott u s-sistema suppliti u fix-xoghol hazin li sar.

Stabbilit illi s-sistema tal-*upgrade* bdiet tigi istallata fi Frar 2013, il-Qorti tqis illi f'dan l-istadju ghandha tistharreg jekk, skont kif qed jigi allegat mis-socjeta` konvenuta, il-*call outs* li saru minn Frar 2013, cioe` meta bdiet tigi istallata s-sistema l-gdida fl-istabbiliment taghha, 'il quddiem, kienux saru minhabba lmenti dwar difetti fl-istallazzjoni tas-sistema l-gdida u problemi ohrajn konnessi mal-cameras godda li gew istallati, u jekk, skont il-kaz, jirrizultax illi l-prodott supplit mhuwiex tal-kwalita` pattwita u illi x-xoghol ta' istallazzjoni tal-*upgrade* ma sarx skont is-sengha u l-arti.

Hawnhekk il-Qorti tosserva illi kif sewwa xehed Stephen Micallef, il-hlas reklamat mis-socjeta` attrici huwa dovut kwantu ghal servizz ta' *call-outs* kif ukoll kwantu ghal bejgh ta' apparat.

Is-socjeta` attrici taccetta u tirrikonoxxi illi kien hemm xi xoghol li ma sarx bil-mod mixtieq mill-klijent[17], izda l-verzjoni taghha hija illi kwalunkwe xoghol li seta' ma sarx a sodisfazzjoni tal-klijent gie rangat minghajr ma ntalab ebda hlas minghand is-socjeta` konvenuta.

Stephen Micallef xehed ukoll illi huwa kien ta struzzjonijiet biex jinhareg *credit note* kontra dawk il-fatturi li l-klijent ma qabilx maghhom, liema *credit note* inhareg fl-14 ta' Awwissu 2014 ghall-ammont komplessiv ta' €142.20[18]. Stephen Micallef spjega wkoll illi ghalkemm il-fatturi li ghalihom inhareg *credit note* huma dawk li s-socjeta` konvenuta specifikatament ma qablitx maghhom, xorta wahda baqa' ma sar ebda hlas fuq l-fatturi l-ohrajn li kienu ghadhom pendenti.

***Call-outs***

Kif rajna, ix-xoghol li sar fuq is-sistema tal-*upgrade*, inkluz l-istallazzjoni tal-cameras godda, saret minn Frar 2013 'il quddiem. Kif gia` stabbilit ukoll, ghalkemm l-*upgrade* tas-sistema giet iffatturata biss fl-14 ta' Awwissu 2013 skont kif jidher mill-fatturi I27376 u I27377, dawn il-fatturi fihom charges ghall-*call outs* kollha li saru bejn it-22 ta' Frar 2013 u s-6 ta' Gunju 2013[19]. Minn dan, il-Qorti fehmet illi l-*call-outs* kollha relatati ma' xoghol tal-istallazzjoni tal-*upgrade*, gew migburin kollha fl-istess kont fejn gie ffatturat ukoll il-prezz tal-prodotti relattivi li nbieghu u li gew istallati. Konsegwentement, ix-xoghol marbut mal-istallazzjoni tal-prodotti fatturati fl-invoice I27376 huwa kompriz fil-fattura Dok. FSE6, filwaqt illi x-xoghol marbut mal-istallazzjoni tal-prodotti fatturatu fl-invoice I27377 huwa kompriz fil-fattura Dok. FSE7.

---

[17] Ara paragrafu 7 tal-Affidavit ta' Stephen Micallef – fol. 41.

[18] Ara statement Dok. FSE1 a fol. 2.

[19] Ara Dok. FSE6 u l-job sheets relattivi a fol. 7 *et seq.*, u Dok. FSE7 u l-job sheets relattivi a fol. 12 *et seq*.

Wara illi fliet il-*job cards* annessi mal-fatturi Dok. FSE6 u FSE7 li jikkoncernaw ghalhekk l-istallazzjoni tas-sistema l-gdida ta' CCTV cameras u l-*call-outs* li saru fir-rigward, il-Qorti kkonstatat is-segwenti *job sheets* li jindikaw li diga` kien hemm ilmenti dwar il-funzjoni tas-sistema:-

- *Job card* datat 28 ta' Frar 2013[20] ["*Found that both cards are not working and one of the PCs is faulty. Tried to identify the cause but could not manage to find the origin of the cause*"]
- *Job card* datat 1 ta' Marzu 2013[21] ["*fixed two cameras which were not showing...*"]
- *Job card* datat 28 ta' Frar 2013[22] ["*... found 2 cameras wires faulty...*"]
- *Job card* datat 5 ta' Gunju 2013[23] [*"Fix camera 10 (on pump 6) but need to replace housing of camera"*]

Wara li fliet il-fatturi l-ohrajn li l-hlas taghhom huwa kontestat mis-socjeta` konvenuta, liema fatturi ma jifformawx parti mix-xoghol ta' istallazzjoni tal-*upgrade*s fis-sistema[24] in kwistjoni izda li jirreferu ghal *call-outs* li saru sussegwentement ghal din l-istallazzjoni, il-Qorti kkonstat is-segwenti:-

[20] Fol. 9, tergo.

[21] Fol. 10 tergo.

[22] Fol. 10.

[23] Fol. 11.

[24] I27376 u I27377.

- I29565[25], li huwa konness mal-*job card* datat 10 ta' Marzu 2014 *["... 4 good, 2 not working. One camera lost...*"]
- I30497[26], li huwa konness mal-*job card* datat 19 ta' Awwissu 2014 ["*Found 2 cameras with no video*"]
- I30320[27], li huwa konness mal-*job card* datat 21 ta' Lulju 2014 [*"... one camera with no video but client knows about it*"]
- I28529[28], li huwa konness mal-*job card* datat 14 ta' Novembru 2013 ["*Check missing recording dates ... Videos missing ...*"]

Fil-fehma tal-Qorti, dan kollu jindika illi effettivament, kienu saru diversi ilmenti da parti tas-socjeta` konvenuta dwar il-funzjoni tas-sistema gdida ta' CCTV li bdiet tigi istallata mis-socjeta` attrici fi Frar 2013 u sussegwentement. Dawn il-*call outs* jidher li saru proprju in konnessjoni mal-problemi riskontrati fil-filmati u fis-sistema tal-*wiring* tal-cameras.

Din il-konkluzjoni hija msahha mill-fatt illi s-socjeta` attrici tikkontendi illi s-sistema l-gdida li giet istallata minnha fl-istabbiliment tas-socjeta` konvenuta, giet certifikata mill-klijent stess li hija "*in a good working order*", fis-26 ta' Marzu 2014. Fir-rigward, Stephen Micallef jaghmel referenza ghal Dok. FSE15[29], u jsostni illi hawnhekk gie konfermat illi s-sistema kienet qieghda tahdem kif mixtieq u ma kienx hemm iktar ilmenti jew *call-outs*. Ghall-Qorti dan ma jistax hlief ifisser illi s-socjeta` attrici qieghda tikkoncedi illi qabel is-26 ta' Marzu 2014, kien hemm xi ilmenti da

[25] Fol. 19, Dok. FSE12.

[26] Dok. FSE14 a fol. 21. 113.04€.

[27] Dok. FSE13 a fol 20.

[28] Dok. FSE8 a fol. 15, tergo.

[29] Ara Affidavit ta' Stephen Micallef, fol. 41 u Dok. FSE15 a fol. 43.

parti tas-socjeta` konvenuta in konnessjoni mal-funzjoni tas-sistema tal-cameras, u dan kif del resto jirrizulta mid-diversi *call outs* li saru bejn Frar 2013 u Marzu 2014 u mid-deskrizzjoni tas-servizz rez kif jirrizulta mill-*job cards* relattivi.

Minn dak li gie konstatat mill-*job cards* esebiti, jirrizulta sodisfacjentement illi kien sar xi ilment jew tnejn dwar il-problemi bil-filmati inkluz ilment dwar it-telf tar-*recordings*, u dan kif jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Sergio Camilleri kif ukoll ta' Elaine Pizzuto. Fir-rigward, is-socjeta` konvenuta ressqet ukoll bhala xhud lil Darren Scicluna li kkonferma li huwa kien inkarigat minn Sergio Camilleri ghall-habta ta' Awwissu 2014 sabiex jaghmel spezzjoni fis-sistema ta' CCTV istallata fis-service station tas-socjeta` konvenuta. Ix-xhud ikkonferma illi huwa kien identifika problema fis-sistema tal-*wiring* li ma kienx imqabbad kif suppost u dan wassal biex ikun hemm *loose contact*, u spjega wkoll li l-*hard disks* tal-cameras kienu zghar wisq biex ihaznu l-*footage* bil-konsegwenza illi r-recordings kienu jigu mhassrin wara ftit taz-zmien.

Ikkunsidrat;

Rigward l-ilmenti konnessi mal-*wiring* difettuz tas-sistema CCTV li sar bhala parti mix-xoghol ta' istallazzjoni tal-*upgrade*, il-Qorti tosserva illi mill-*job cards* esebiti kif ukoll mix-xhieda ta' Darren Scicluna, jirrizulta sodisfacjentement illi kien sar xoghol hazin fis-sistema tal-*wiring* li kkaguna problemi fil-funzjoni ta' whud mill-cameras. Jirrizulta wkoll illi whud mill-*call outs*[30] illi saru u li s-socjeta` konvenuta qed tintalab il-hlas taghhom, skont kif indikat fil-fatturi relattivi esebiti fl-atti, saru proprju sabiex jigu indirizzati dawn il-problemi.

---

[30] Ara job cards datati 28 ta' Frar 2013, 1 ta' Marzu 2013, 5 ta' Gunju 2013, 10 ta' Marzu 2014, 21 ta' Lulju 2014 u 19 ta' Awwissu 2014.

Is-socjeta` attrici tilqa’ ghal din l-allegazzjoni, u ghall-allegazzjonijet ohrajn konnessi max-xoghol hazin u nuqqasijiet fis-sistema minnha supplita, billi tghid illi l-*call outs* li saru minhabba xi lment fil-funzjoni tas-sistema l-gdida ta’ CCTV istallata fl-istabbiliment in kwistjoni, kienu koperti bil-garanzija fuq il-prodott il-gdid u ghal dawn is-servizzi ma ntalabx hlas. Stephen Micallef xehed[31] fir-rigward illi ma gie mibghut ebda kont lis-socjeta` konvenuta ghall-hlas ta’ *call outs* konnessi ma’ problem riskontrati fis-sistema l-gdida, u l-hlas reklamat ghall-*call outs* indikati fil-fatturi esebiti, huwa ghal xoghol li sar fuq is-sistema gia` ezsistenti u l-cameras l-antiki.

Izda fil-fehma tal-Qorti, is-socjeta` attrici ma gabet ebda prova biex turi illi l-*call outs* li saru wara li giet istallata s-sistema l-gdida kienu in konnessjoni mal-cameras l-antiki. Fil-fatt, meta giet mistoqsija in kontro-ezami[32], Cynthia Micallef ma kienetx certa jekk il-fatturi konnessi mal-*job sheets* li jirreferu ghal xoghol li sar fuq is-sistema wara li sar l-*upgrade*, kienux jirreferu ghas-sistema antika jew le, izda identifikat zewg *job sheets*[33] fejn jinsab indikat li x-xoghol ezegwit huwa kopert bil-garanzija (“*warranty*”). Ziedet tghid, izda, illi d-distinzjoni bejn xoghol li jkun sar fuq is-sistema l-gdida u xoghol li jkun sar fuq il-cameras l-antiki, tkun giet indikata fuq il-*job card* relattiv u tigi verfikata mill-Works Manager tas-socjeta` attrici li jkun baghat it-technician fuq il-*call* relattiv. Il-Qorti rat il-*job cards* kollha esebiti u rnexxielha tidentifika illi effettivament, din id-distinzjoni bejn *call-outs* marbutin mal-cameras godda u dawk konnessi mas-sistema l-antika, effettivament saret izda f’okkazzjoni wahda biss u dan fil-*job card* datat 28 ta’ Frar 2013[34]. Apparti din il-*call-out*, ma jirrizultax illi l-problemi riskontrati fil-cameras l-ohra, hekk kif deskritti fil-*job cards* relattivi, kienu jirrigwardaw is-sistema l-antika.

[31] Ara fol. 102.

[32] Fol. 112.

[33] A fol. 18 u fol. 83.

[34] Fol. 10.

Ghall-Qorti dan ifisser illi l-*call outs* l-ohra kollha[35] li jidhru fil-fatturi li taghhom qed jintalab il-hlas, u li saru in konnessjoni ma' problemi riskonstrati fis-sistema ta' CCTV, billi dawn kollha saru minn Frar 2013 'il quddiem minghajr ebda referenza ghall-cameras antiki, kienu fuq is-sistema l-gdida. Din il-kostatazzjoni tikkontradixxi l-verzjoni ta' Stephen Micallef li, meta xehed in kontro-ezami, qal illi jekk ix-xoghol li sar kif deskritt fil-*job cards* relattivi kien relatat mas-sistema l-gdida, allura ma kienx jintalab hlas ghal dak is-servizz ghaliex ikun kopert bil-garanzija.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward tax-xoghol li allegatament gie ezegwit hazin u mhux skont l-arti u s-sengha, il-Qorti tqis illi ghalkemm huwa minnu illi jirrizulta mid-dokumenti esebiti fl-atti illi kienu saru diversi ilmenti dwar il-*wiring* tal-cameras u dwar problemi li gew riskontrati fil-funzjoni tal-cameras, f'kull kaz kienet mehtiega bhala prova *sine qua non*, il-fehma teknika ta' espert in materja. Dan ghaliex m'hemmx provi bizzejjed fl-atti biex iwasslu lill-Qorti tqis illi l-istallazzjoni shiha tas-sistema l-gdida ta' CCTV fl-istabbiliment tas-socjeta` kovenuta saret hazin u mhux skont is-sengha u l-arti. Effettivament l-uniku qasam li fih il-Qorti tista' tirravviza li hemm provi konvincenti bizzejjed dwar xoghol li sar hazin, kien fis-sistema tal-*wiring* tal-cameras liema difett wassal biex ikun hemm *loose connection* b'nuqqas konsegwenti ta' funzjoni fil-cameras relattivi, u dan kif affermat mix-xhud Darren Scicluna. Konformement, tqis illi dawk il-hlasijiet pretizi mis-socjeta` attrici in konnessjoni ma' *call-outs* li saru minhabba l-problema fil-*wiring* u ghal nuqqas ta' filmat, liema problema jidher li wasslet ghal diversi *call-outs*, m'humiex misthoqqa.

[35] Minbarra dik datata 28 ta' Frar 2013 a fol. 10.

Il-Qorti wara li rat il-fatturi fejn jirrizulta b'mod evidenti illi saru lmenti u *call-outs* relattivament ghal problemi ta' *wiring* u cameras minghajr *video* meta s-sistema l-gdida kienet ghadha qed tigi istallata, qieghda tillikwida *arbitrio boni viri* l-ammont li jirrapprezenta hlasijiet mhux dovuti ghal servizzi rezi in konnessjoni mat-tiswija relattiva, u dan wara li hadet qies tar-rata ossia prezz reklamat ghas-servizz rez u l-okkazzjonijiet varji li saru *call-outs* fir-rigward, fis-somma komplessiva ta' tliet mija u hamsin Euro (€350).

**Prodott Mibjugh**

Wara li qieset ix-xhieda u rat l-atti, il-Qorti ghalkemm hija sodisfatta mill-provi li tressqu illi l-filmati kienu qed jithassru wara ftit taz-zmien u illi dan kien dovut ghall-fatt illi l-*hard disk* tas-sistema ta' CCTV fl-istabbiliment ma setax ilahhaq mal-ammont ta' cameras istallati wara li sar l-*upgrade* fis-sistema biex jibqa' jahzen id-data, ma hemm ebda prova kwalsiasi illi s-socjeta` konvenuta tat struzzjonijiet, meta ordnat l-*upgrade*, ghall-fornitura ta' *hard disk* separat jew *hard disk* munit bi specifikazzjonijiet partikolari. B'mod partikolari, il-Qorti tqis li ma saritx il-prova illi nghataw struzzjonijiet lis-socjeta` attrici biex bhala parti mill-*upgrade*, kellu jigi garantit perijodu minimu ghall-hazna tad-data. Wara kollox, kif ammess minn Sergio Camilleri nnifsu fix-xhieda tieghu, huwa ghazel l-iktar *quotation* irhisa offruta mis-socjeta` attrici ghal-*upgrade* tas-sistema[36].

Inoltre, kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta` konvenuta, ma jirrizultax illi saru xi ilmenti dwar in-nuqqas ta' dehra tan-numru ta' registrazzjoni tal-vetturi li jidhlu fl-istabbiliment bil-lejl. Dan jorbot tajjeb ma' dak li xehed Stephen Micallef, illi sostna li qatt ma gie diskuss mal-klient li kien hemm diffikolta` li jinqraw in-*number plates*

[36] Xhieda tas-17 ta' Mejju 2016, fol. 33.

tal-vetturi minn fuq il-filmati, u kkonferma illi ma jaf bl-ebda ilment li sar f'dan ir-rigward. Ix-xhud afferma wkoll illi wara kollox, ma kien hemm ebda ftehim illi l-cameras il-godda li gew istallati fl-2013 kellhom ikunu armati b'teknologija *infrared,* liema teknologija, skond dan ix-xhud, lanqas kienet tezisti dak iz-zmien. Il-Qorti tqis li s-socjeta` konvenuta ma gabet ebda prova biex tissostanzja l-allegazzjoni taghha illi kienet tat struzzjonijiet specifici ghall-fornitura ta' *infrared cameras* u illi kienet ilmentat dwar dan in-nuqqas, u lanqas uriet kif l-apparat indikat fil-*quotations* u fatturi esebiti kien jew kellu jkun munit b'dawn il-kwalitajiet.

Ikkunsidrat;

Mizmum ferm il-premess, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` konvenuta ma rnexxilhiex turi b'mod sodisfacjenti u konvincenti illi l-prodott supplit mis-socjeta` attrici ma kienx tal-kwalita` pattwita. Dan ghaliex, kif stabbilit, ma tressqet ebda prova li turi x'kienu l-kwalitajiet essenzjali u l-specifikazzjonijiet partikolari tal-prodott li hija ordnat minghand is-socjeta` attrici u lanqas jirrizulta li gie offrut jew konsenjat mis-socjeta` attrici prodott li huwa differenti minn dak ordnat. Kif rajna, ma jirrizultax mill-provi illi s-socjeta` konvenuta tat xi struzzjonijiet lis-socjeta` attrici biex tissupplixxi apparat munit b'teknologija *infrared* u b'kapacitajiet partikolari ghall-fini ta' hazna tal-filmati: wara kollox, is-sistema specifkatament maghzula mill-konvenuta kienet l-irhas wahda li kellha s-socjeta` attrici.

Barra minn hekk, mill-provi huwa stabbilit illi l-prodott li gie konsenjat lis-socjeta` konvenuta baqa' ghandha, baqa' jigi utilizzat minnha u qatt ma giet ritornata lis-socjeta` attrici. Il-Qorti tosserva wkoll illi ghalkemm il-fatturi konnessi mal-konsenja u istallazzjoni tal-prodott mibjugh lis-socjeta` konvenuta, kienu ilhom dovuti sa mill-14 ta' Awwissu 2013, sal-11 ta' Jannar 2016 meta giet intavolata l-azzjoni odjerna mis-socjeta` attrici, ma jirrizultax illi s-socjeta` konvenuta qatt ilmentat espressament

mad-dirigenti tas-socjeta` attrici dwar in-nuqqas ta’ kwalita` pattwita tal-prodott konsenjat lilha, anzi il-provi kollha juru illi baqghet tinqeda bis-sistema istallata. Ghalkemm huwa minnu illi jirrizulta li s-socjeta` konvenuta inkarigat lil terzi biex issolvi l-problemi fis-sistema li kienet ilmentat bihom, qatt ma talbet id-danni lis-socjeta` attrici, wisq inqas irrifjutat l-oggett lilha mibjugh, u lanqas imxiet skont kif mitlub mill-Artikou 1390 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili jipprovdi hekk:-

**1390.** *Jekk <u>il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna</u> ma tkunx tal-kwalita` mweghda, jew ma tkunx bhall-kampjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti.* [enfasi tal-Qorti]

Fir-rigward, il-Qorti tqis illi l-azzjoni taht l-Artikolu 1390 lanqas kienet disponibbli lis-socjeta` konvenuta, wara li sar il-konsenja tal-prodott cioe` l-istallazzjoni tal-*upgrade* tas-sistema CCTV fl-istabbiliment taghha, ghaliex huwa car mill-kliem tad-dispozizzjoni msemmija illi l-azzjoni specjali li tohrog mill-imsemmi Artikolu:-

“*... ghandha jew tipprecedi l-kunsinna jew tkun konkomitanti maghha, jew almenu ssir immedjatament fuqha, bhal fil-kaz meta l-venditur ikun baghat il-haga mibjugha lill-kompratur minghajr ma dan tal-ahhar ikun raha qabel.*” [37]

Konformement, galadarba jirrizulta li meta ntalab il-hlas permezz ta’ din il-kawza, is-socjeta` konvenuta kienet ilha snin shah li effettivament irceviet il-konsenja tal-prodott minnha ordnat minghajr lanqas iddepozitatu taht l-awtorita` tal-qorti, l-Artikolu 1390 ma setax jigi invokat minnha, anke ghaliex gie ritenut illi ma jistax

[37] **Joseph Mallia Grech vs Paul Camilleri et**, deciza mill-Qorti tal-Appell, 1 ta’ Frar 2008.

lanqas jigi sollevat in via ta' eccezzjoni wara li jkun ghadda t-terminu preskritt ghall-intavolar tal-azzjoni[38].

*"... l-perjodu stabbilit fl-imsemmi artikolu hu perjodu ta' dekadenza bir-rizultat li jekk il-kompratur jonqos li jezercita d-dritt moghti lilu bl-artikolu 1390 kontra l-venditur fi zmien sentejn ma jistax jezercita listess dritt 'per via di azione' u anqas 'per eccezzione' wara li jkun iddekorra dak it-terminu."*[39]

Il-Qorti tqis illi f'kull kaz, minghajr qies tal-konsiderazzjonijiet li gia` saru dwar il-provi akkwiziti fl-atti, l-eccezzjoni tan-nuqqas tal-kwalita' imwieghda tal-oggett, ma jistax ikollha success f'dan il-kaz ghaliex bil-fatt taghha stess is-socjeta` konvenuta ippregudikat irrimedjabbilment il-posizzjoni taghha u tilfet kull dritt li seta' kellha meta ghazlet li zzomm is-sistema lilha konsenjata u naqset li tirreagixxi skond kif trid il-ligi meta mill-ewwel, skont kif qieghda tallega, kien evidenti illi l-konsenja ma kienetx konformi ghall-ispecifikazzjonijiet li tghid li kienet imwieghda u/jew meta qieghda tghid illi s-socjeta` attrici ma ghamlitx l-istallazzjoni tas-sistema l-gdida konformement mal-arti u s-sengha.

Tirribadixxi illi s-socjeta` konvenuta, minkejja li tghid illi kellha tinkariga lil terzi biex issewwi d-difetti fis-sistema istallata mis-socjeta` attrici, baqghet lanqas ma fformalizzat l-ilmenti taghha dwar dawn in-nuqqasijiet – fatt li bla dubju jnaqqas hafna mis-sahha ta' din l-allegazzjoni. Effettivament, minkejja li tghid illi kienet kostretta li tingagga lil terzi biex isiru t-tiswijiet mehtiega fis-sistema, u dan ghall-habta ta' Awwissu 2014, is-socjeta` konvenuta baqghet ma lmentat bl-ebda mod dwar is-sistema meta giet mitluba fl-istess zmien li thallas il-fatturi pendenti, u dan permezz ta' korrispondenza li saret fl-24 ta' Awwissu 2014 (Dok. FSE16).

[38] Skont l-Artikolu 1407 tal-Kodici Civili, l-azzjoni taht l-Artikolu 1390 ghandha tittiehed fi zmien sentejn minn dakinhar tal-kuntratt.

[39] **Emanuel Borg vs John Xuereb**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar 1989.

Kif ritenut in materja mill-Qorti tal-Appell [Sede Inferjuri][40]:-

"*Fi kliem iehor hi ma kellhiex tippretendi li zzomm l–ghamara, taghmel uzu minnha ghal snin, biex imbaghad rinfaccjata b'talba ghal hlas, tippretendi li ma ghandhiex thallas lill-atturi ghax dawn ma onorawx l-obbligi taghhom. Dan l-ilment taghha, fil-fehma ta' dina l-Qorti, ma jistax ghalhekk jigi accettat jew sostenut u l-atturi ma ghandhomx, u ma kellhomx, jigu ikkastigati ghan-nuqqas tal-prosegwiment da parti tal-konvenuta ta' dawk il-mizuri li kellha tiehu biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha.*"

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx illi l-kontestazzjoni tas-socjeta` konvenuta illi l-prodotti/sistema mibjugha ma kienux tal-kwalita` pattwita jew mhux sodisfacjenti, hija fondata.

**<u>Ir-Raba' Eccezzjoni</u>**

Permezz tar-raba' eccezzjoni taghha, is-socjeta` konvenuta tikkontendi wkoll illi s-socjeta` attrici ghadha lanqas istallat il-prodott u sistema fit-totalita` tieghu.

Il-Qorti tifhem illi b'din l-eccezzjoni, is-socjeta` konvenuta qieghda tindirizza nuqqas iehor oltre ghan-nuqqas fil-kwalita` pattwita tal-prodott u ghax-xoghol hazin li allegatament sar fl-istallazzjoni tas-sistema ta' CCTV. Fil-fatt, l-allegazzoni li sar xoghol hazin ta' istallazzjoni u konsenja ta' prodott mhux tal-kwalita` pattwita, tifforma l-mertu tal-ewwel tliet eccezzjonijiet. Madanakollu, huwa evidenti illi ma tressqu ebda provi in sostenn ta' din ir-raba' eccezzjoni. Kif diga` stabbilit, is-socjeta` konvenuta la fissret liema parti mill-prodott baqa' ma giex istallat, u lanqas irnexxilha

[40] **Frederick Micallef et vs May Sullivan**, deciza 22 ta' Novembru 2002.

tipprova x'kien il-prodott li attwalment ordnat li jigi konsenjat mis-socjeta` attrici. Fuq kollox izda, din l-allegazzjoni hija kontradetta mix-xhud Darren Scicluna, prodott mis-socjeta` konvenuta stess, illi in kontro-ezami xehed hekk:-

*"Jiena l-installation li sibt, kienet wahda u kienet lesta."*[41]

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni timmerita li tigi micuda, kif timmerita li tigi michuda wkoll, izda in parte, is-sitt eccezzjoni billi ma giet imressqa ebda prova illi s-socjeta` konvenuta effettivament wriet illi kienet disposta thallas ghas-servizzi rezi wara li jigu rettifikati l-allegati nuqqasjiet fis-sistema u prodott supplit.

In konkluzjoni, rigward l-ispejjez mitluba, il-Qorti tosserva illi ma gietx esebita kopja tal-ittra ufficjali li ssemmiet mis-socjeta` attrici fir-Rikors promotur. Konsegwentement billi m'hemm xejn fl-atti, il-Qorti tqis illi ma tistax tilqa' t-talba ghall-hlas tal-ispejjez ta' din l-imsemmija ittra.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' biss parzjalment l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames eccezzjoni u tichadhom ghall-kumplament skont kif hawn deciz, u tichad ukoll l-eccezzjonijiet l-ohrajn tas-socjeta` konvenuta, tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha s-somma ta' tliet elef erba' mija u tnejn u sittin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€3,462.55) rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi u prodotti suppliti mis-socjeta` attrici fuq inkarigu tas-socjeta`**

[41] Seduta tal-24 ta' Jannar 2018.

**konvenuta, bl-imghax kif mitlub fir-Rikors promotur u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu kwantu ghal kwint (1/5) mis-socjeta` attrici u kwantu ghal erba' kwinti (4/5) mis-socjeta` konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**

**MAGISTRAT.**